IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.10.2020
COM(2020) 961 final

2020/0297 (BUD)

# ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 9
# TAL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2020

**Li jakkumpanja l-proposta biex jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jipprovdi assistenza lill-Kroazja u lill-Polonja fir-rigward tad-diżastri naturali u jipprovdi għal pagament minn qabel lill-Kroazja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Portugal u Spanja fir-rigward ta' emerġenza tas-saħħa pubblika**

Wara li kkunsidraw:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, kif adottat fis-27 ta' Novembru 2019[2],

– baġit emendatorju Nru 1/2020[3], adottat fl-Il-Ġimgħa, 17 ta' April 2020,

– baġit emendatorju Nru 2/2020[4], adottat fl-Il-Ġimgħa, 17 ta' April 2020,

– baġit emendatorju Nru 3/2020[5], adottat fis-17 ta' Ġunju 2020,

– baġit emendatorju Nru 4/2020[6], adottat fis-17 ta' Ġunju 2020,

– baġit emendatorju Nru 5/2020[7], adottat fl-10 ta' Lulju 2020,

– baġit emendatorju Nru 6/2020[8], adottat fis-17 ta' Settembru 2020,

– baġit emendatorju Nru 7/2020[9], adottat fis-6 ta' Ottubru 2020,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 9 tal-baġit tal-2020.

**BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA**

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fir-rapport tan-nefqa u d-dħul fit-Taqsima III huma disponibbli fil-EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-en.htm).

1 ĠU L 193, 30.7.2018.
2 ĠU L 57, 27.2.2020.
3 ĠU L 126, 21.4.2020.
4 ĠU L 126, 21.4.2020.
5 ĠU L 254, 4.8.2020.
6 ĠU L 254, 4.8.2020.
7 ĠU L 299, 11.9.2020.
8 ĠU L XXX, XX.X.2020 (propost bħala l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 8/2020 tal-28.8.2020).
9 ĠU L XXX, XX.X.2020.

# WERREJ


1. **INTRODUZZJONI** ..... **3**
2. **FINANZJAMENT** ..... **3**
3. **APPROPRJAZZJONIJIET MITLUBA FIL-BAĠIT TAL- 2020** ..... **4**
4. **TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP** ..... **5**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. INTRODUZZJONI

L-abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 9 għas-sena 2020 jakkumpanja l-proposta[10] biex jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) għal ammont ta' EUR 823 548 633 biex tingħata assistenza lil:

- Il-Kroazja fir-rigward tat-terremot li affettwa l-belt ta' Zagreb u l-kontej ta' Zagreb u Krapina-Zagorje f'Marzu 2020 (EUR 683 740 523),
- Il-Polonja fir-rigward tal-għargħar f'Podkarpackie Voivodeship f'Ġunju 2020 (EUR 7 071 280), u
- Seba' Stati Membri (il-Kroazja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Portugal u Spanja) b'rabta mal-pagamenti bil-quddiem b'rispons għall-emerġenza ewlenija tas-saħħa pubblika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020 (EUR 132 736 830).

ABE Nru 9/2020 jipproponi li jiddaħħlu EUR 734 596 756 fil-baġit ġenerali 2020, kemm fl-impenji kif ukoll fil-pagamenti, wara li jkunu tnaqqsu l-avvanzi diġà mħallsin lill-Kroazja fil-kuntest tat-terremot (EUR 88 951 877).

## 2. FINANZJAMENT

F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[11], l-ammont totali disponibbli għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE fil-bidu tal-2020 kien ta' EUR 1 150 524 045, billi hija s-somma tal-allokazzjoni tal-2020 ta' EUR 597 546 284, flimkien mal-allokazzjoni tal-2019 ta' EUR 552 977 761 li baqgħet ma ntefqitx u li ġiet riportata għall-2020 (it-tnejn fi prezzijiet kurrenti).

Kif muri fit-tabella ta' hawn taħt, meta titqies id-Deċiżjoni ta' Mobilizzazzjoni preċedenti fl-2020[12], l-ammont li jista' jiġi mobilizzat f'dan l-istadju tas-sena 2020 huwa ta' EUR 871 530 231.

| **Ammont li huwa disponibbli bħalissa taħt il-Fond ta' Solidarjetà:** | Ammont f'EUR |
|---|---|
| Allokazzjoni annwali għall-2020 | *597 546 284* |
| Flimkien mal-ammont li ma ntefaqx mill-allokazzjoni għall-2019 riportata lejn l-2020 | *+552 977 761* |
| *[25 % tal-allokazzjoni tal-2020 għandha tinżamm sal-1 ta' Ottubru 2020]* | *[149 386 571]* |
| Bit-tnaqqis tal-ammont totali ta' għajnuna proposta għal PT (Uragan Lorenzo), ES (temp estrem DANA 2019), IT (temp sever 2019) u AT (temp sever 2019) | -278 993 814 |
| *Ammont disponibbli minn Jannar - Settembru 2020* | *722 143 660* |
| **Ammont massimu disponibbli bħalissa** | ***871 530 231*** |
| L-ammont totali propost li għandu jiġi mobilizzat għall-ħlas bil-quddiem għall-Kroazja, il-Polonja u għalll-COVID-19 | ***-823 548 633*** |
| **Disponibbiltajiet li fadal sal-31/12/2020** | ***47 981 598*** |

[10] COM(2020)960, 9.10.2020.

[11] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

[12] Deċiżjoni (UE) 2020/1076 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-18 ta' Ġunju 2020 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Portugall, lil Spanja, lill-Italja u lill-Awstrija, li l-konsegwenzi finali għalihom ġew inklużi fil-Baġit Emendatorju 4/2020 adottat fl-istess jum.

## 3. APPROPRJAZZJONIJIET MITLUBA FIL-BAĠIT TAL- 2020

Il-Kummissjoni tipproponi li temenda l-baġit 2020 billi żżid il-linja baġitarja 13 06 01 b'EUR 734 596 756 kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'approprjazzjonijiet ta' pagament (ara t-tabella hawn taħt).

*Ammonti f' EUR*

| Linja Baġitarja | Isem | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|
| 13 06 01 | Għajnuna għall-Istati Membri fil-każ ta' diżastru naturali kbir b'riperkussjonijiet serji fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-ambjent naturali jew l-ekonomija | 734 596 756 | 734 596 756 |
| **Total** | | **734 596 756** | **734 596 756** |

# 4. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

*F'EUR*

| Intestatura | Baġit 2020 (inkl. BE 1-7/2020) | | Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 9/2020 | | Baġit 2020 (inkl. BE 1-7 & ABE 9/2020) | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | AI | AP | AI | AP | AI | AP |
| **1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv** | **83 930 597 837** | **77 453 828 442** | | | **83 930 597 837** | **77 453 828 442** |
| *Limitu* | *83 661 000 000* | | | | *83 661 000 000* | |
| *Marġini* | | | | | | |
| 1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjegi | 25 284 773 982 | 22 308 071 592 | | | 25 284 773 982 | 22 308 071 592 |
| *Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji* | *93 773 982* | | | | *93 773 982* | |
| *Limitu* | *25 191 000 000* | | | | *25 191 000 000* | |
| *Marġini* | | | | | | |
| 1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 58 645 823 855 | 55 145 756 850 | | | 58 645 823 855 | 55 145 756 850 |
| *Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji* | *175 823 855* | | | | *175 823 855* | |
| *Limitu* | *58 470 000 000* | | | | *58 470 000 000* | |
| *Marġini* | | | | | | |
| **2. It-tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali** | **59 907 021 051** | **57 904 492 439** | | | **59 907 021 051** | **57 904 492 439** |
| *Limitu* | *60 421 000 000* | | | | *60 421 000 000* | |
| *Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza* | *- 465 323 871* | | | | *- 465 323 871* | |
| *Marġini* | *48 655 078* | | | | *48 655 078* | |
| Li minnhom: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti | 43 410 105 687 | 43 380 031 798 | | | 43 410 105 687 | 43 380 031 798 |
| *Sottolimitu* | *43 888 000 000* | | | | *43 888 000 000* | |
| *Differenza dovuta għall-arrotondament esklużа mill-kalkolu tal-marġni* | *888 000* | | | | *888 000* | |
| *Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza* | *- 428 351 235* | | | | *- 428 351 235* | |
| *Marġni tal-FAEG* | *48 655 078* | | | | *48 655 078* | |
| **3. Sigurtà u ċittadinanza** | **7 152 374 489** | **6 368 527 141** | | | **7 152 374 489** | **6 368 527 141** |
| *Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà* | *1 094 414 188* | | | | *1 094 414 188* | |
| *Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji* | *2 392 402 163* | | | | *2 392 402 163* | |
| *Li minnhom taħt il-Marġini ta' Kontinġenza* | *714 558 138* | | | | *714 558 138* | |
| *Limitu* | *2 951 000 000* | | | | *2 951 000 000* | |
| *Marġini* | | | | | | |
| **4. Ewropa Globali** | **10 991 572 239** | **9 112 061 191** | | | **10 991 572 239** | **9 112 061 191** |
| *Li minnhom taħt il-Marġini ta' Kontinġenza* | *481 572 239* | | | | *481 572 239* | |
| *Limitu* | *10 510 000 000* | | | | *10 510 000 000* | |
| *Marġini* | | | | | | |
| **5. L-amministrazzjoni** | **10 271 193 494** | **10 274 196 704** | | | **10 271 193 494** | **10 274 196 704** |
| *Limitu* | *11 254 000 000* | | | | *11 254 000 000* | |
| *Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza* | *- 982 806 506* | | | | *- 982 806 506* | |
| *Marġini* | | | | | | |
| Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet | 7 955 303 132 | 7 958 306 342 | | | 7 955 303 132 | 7 958 306 342 |
| *Sottolimitu* | *9 071 000 000* | | | | *9 071 000 000* | |
| *Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza* | *- 982 806 506* | | | | *- 982 806 506* | |
| *Marġini* | *132 890 362* | | | | *132 890 362* | |
| **Total** | **172 252 759 110** | **161 113 105 917** | | | **172 252 759 110** | **161 113 105 917** |
| ***Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà*** | ***1 094 414 188*** | ***1 017 029 444*** | | | ***1 094 414 188*** | ***1 017 029 444*** |
| ***Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji*** | ***2 662 000 000*** | | | | ***2 662 000 000*** | |
| ***Li minnhom taħt il-Marġini ta' Kontinġenza*** | ***1 196 130 377*** | | | | ***1 196 130 377*** | |
| ***Limitu*** | ***168 797 000 000*** | ***172 420 000 000*** | | | ***168 797 000 000*** | ***172 420 000 000*** |
| ***Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza*** | ***-1 448 130 377*** | | | | ***-1 448 130 377*** | |
| ***Marġini*** | ***48 655 078*** | ***12 323 923 527*** | | | ***48 655 078*** | ***12 323 923 527*** |
| **Strumenti speċjali ohra** | **860 261 208** | **690 998 208** | **734 596 756** | **734 596 756** | **1 594 857 964** | **1 425 594 964** |
| **Total b'kollox** | **173 113 020 318** | **161 804 104 125** | **734 596 756** | **734 596 756** | **173 847 617 074** | **162 538 700 881** |